**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 29 ta' Marzu 2017**

**App. Nru. 460/2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**...** ***omissis*** **...**
**Christine Xuereb**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra *omissis* u Christina Xuereb, detentriċi tal-karta ta' l-identita` numru 125870(M), talli f'Diċembru 2009 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq ieħor, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Kumpanija Tim Travel ta' Joseph Azzopardi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, filwaqt li ddikjarat l-proċediment eżawrit fil-konfront ta' l-imputat *omissis* stante l-mewt tiegħu, wara li rat l-artikoli 42(d), 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Christina Xuereb ħatja ta' l-imputazzjoni ta' frodi innominata elenkata fl-ewwel paragrafu tan-nota tar-rinviju għall-ġudizju ta' l-Avukat Ġenerali u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin. Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 24 ta' l-istess Kapitolu 446 ordnat lill-istess Christina Xuereb tħallas lill-*parte civile* Joseph Azzopardi għan-nom ta' Tim Travel is-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u erbgħa u tmenin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€13,684.55). L-imsemmija Christina Xuereb ma nstabitx hatja ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tagħha ai termini tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali u ġiet illiberatha minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Christine Xuereb ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux ħatja u tirrevokaha għall-kumplament u hekk tilliberaha minn kull ħtija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma dan:

> "**Dwar il-ligi**
>
> "Il-Qorti sabet lil Christine Xuereb hatja tal-frodi innominata skont 1-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.
>
> "Jekk wiehed jezamina l-Artikolu 309 isib illi l-elementi huma 'kull min (1) bi hsara ta' haddiehor (2) jaghmel xi qliegh iehor (3) b'qerq, mhux imsemmi fi-artikoli ta' qabel dan is-sub-titlu jehel ....'

“Jekk wiehed jezamina l-operat ta’ Christine Xuereb l-aktar illi jirrizali huwa illi fil-fatt hija ma ghamlet l-ebda qliegh personalment. Ma hemm l-ebda allegazzjoni dwar dan, inqas u inqas hemm xi prova ta’ dan il-qliegh. Il-qliegh irid ikun ta’ natura patrimonjali. L-uniku sentiment illi kien hemm hija li riedet tghin lil missierha billi taghmillu possibbli illi ghallinqas jekk ma jistax johrog cekks fuq ismu, jista’ johroghom mill-account taghha u fil-fatt hija fdatu.

“Bl-ebda mod ma gie allegat illi Joseph Azzopardi ikkonsenja xi haga lil Christine Xuereb. Il-konsenji saru lil Henry Xuereb. In-negozju kien mal-kumpanija fejn Henry Xuereb kien direttur u ma jistax tinstab hatja Christine Xuereb ghax kienet fidila tant illi ghamlet cheque book in biank favur missierha.

“Illi hija giet mistoqsija jekk kinitx taf hemmx flus fil-kont. Naturalment hija ma poggitx flus ghahiex huwa manifest li l-ftehim ma’ missierha kien illi l-flus illi jdahhal ikun jista’ jopera l-account ghaliex b’dak li jdahhal johrog cekkijiet kontra taghhom. Altrimenti mal-ewwel cekk li kien johrog, il-bank kien iwaqqaf l-operat tal-istess kont.

“Il-Qorti dahhlet lill-esponenti bhala komplici taht l-Artikolu 42D. Bir-rispett kollu, Christine Xuereb bl-ebda mod ma kienet xjentement igifieri b’dolus qed tghin lil kumpanija Hix Travel biex b’xi mod taghmel qliegh b’qerq ghad-dannu ta’ Joseph Azzopardi ta’ Tim Travel. Biex ikun hemm il-komplicita` f’kaz bhal dan kien ikun mehtieg illi Christine Xuereb tohloq l-impressjoni fuq Joseph Azzopardi jew tghin lil missierha biex tohloq din l-impressjoni illi hu effettivament kien se jithallas.

“Dak illi skartat l-ewwel Qorti kien illi bejn Henry Xuereb u Joseph Azzopardi bil-kumpaniji taghhom kien hemm kont kurrenti illi jixtri u jhallas.

“Id-distinzjoni bejn truffa jew frodi innominata u debitu civili hija jekk il-konsenja tkunx saret in forza tal-pagament promess b’cekks jew le. Jekk isiru kontemporanjament, allura hemm ir-reat. Pero` jekk l-ewwel issir il-konsenja mbaghad johrog cekk li ma jigix onorat, ir-reat ma jissussistix. L-ewwel Onorabbli Qorti ikkwotat mis-sentenza Pulizija versus Anthony Francis Willoughby deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta Frar, 1999. Il-Qorti ikkwotat parti minn dik is-sentenza pero` fil-fatt Anthony Francis Willoughby gie kompletament liberat ghaliex ic-cekk illi huwa hareg kien wara l-konsenja u ma kienx hemm mezz adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti gwadann ghall-agent. Fil-kaz ta’ Anthony Francis Willoughby li gie liberat kien hemm propju s-sitwazzjoni tal-lum igifieri l-ewwel kien hemm il-konsenja tal-biljetti, bhal ma kien isir is-soltu, Joseph Azzopardi kien qed jinsisti ghall-pagament fuqhom u Henry Anthony Xuereb tah ic-cekkijiet tat-tifla biex jipprova, kif nghidu, “jaghlaqlu halqu” jew jaghtih prova illi verament kien qieghed jaghmel minn kollox biex ihallas. Pero` il-kronologija hija assolutament importanti u kienet tispetta l-prosekuzzjoni illi taghmel tali prova.

"Illi anke s-sentenza ta' Carmela German kwotata mill-ewwel Onorabbli Qorti il-kronologija kienet ukoll importanti. F'dak il-kaz l-imputata kienet tmur tissellef il-flus minghand qassis u kienet tghidlu hafna gideb sakemm huwa jaghtiha dawk il-flus. F'dan il-kaz ma hemm l-ebda prova li Christine Xuereb qalet xi gidba biex inghataw il-blljetti tal-ajru lill-kumpannija Hix. Il-kwistjoni tac-cekkijiet kienet wara li hargu l-biljetti u allura l-kaz ta' Carmela German ma japplikax ghal dan il-kaz. Kien japplika kieku kontemporanjament mal-ghoti tal-biljetti, inghata cekk illi ma kienx hemm flus bizzejjed biex ikopru l-istess cekk. Din kienet tkun il-bidu tal-prova ghax imbaghad wiehed irid jezamina fatturi ohrajn; min ikun ghamel il-fatt, min ikun ipprezenta u xi kliem ikun qal. Ghalhekk il-kronologija hija verament importanti.

"**Id-Dolus**

"Dawn ir-reati jehtiegu d-dolus. L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet riflessjonijiet dwar is-sentiment illi kellha Christine Xuereb meta giet biex taghti l-provvediment taht il-Kap 446. Pero` gie ppruvat id-dolus da parti tal-prosekuzzjoni fil-konfront ta' Christine Xuereb illi hija ghal kull operazzjoni kienet taf x'qed jaghmel missierha? Persuna illi ma toqghodx attenta bizzejjed hija komplici jew inkella kienet inkawta? Jekk kienet in kawta, kien hemm id-dolus jew inkella fiducja li missierha mhux se jdahhalha f'inkwiet?

"F'dan il-kwadru l-element tad-dolus definittivament huwa nieqes."

**6.** Qabel xejn din il-Qorti tosserva li quddiem l-ewwel Qorti l-Avukat Dottor Joseph Brincat kien issottometta[1] illi l-istqarrija ta' l-appellanti (allura imputata) mhijiex utilizzabbli peress illi ma kellha l-ebda assistenza legali fit-teħid ta' l-istqarrija u għalhekk il-Qorti kellha toqgħod fuq il-provi imma mhux fuq l-istqarrija. Din il-kwistjoni ma ġietx indirizzata mill-ewwel Qorti u għalhekk din il-Qorti sejra tipprovdi dwarha issa.

**7.** Il-kwistjoni dwar l-aċċess għal avukat waqt l-istadju ta' l-interrogazzjoni ġie spiss dibattut mill-Qrati tagħna. Issa, f'**Borg vs Malta**[2] il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet preċiżament hekk:

"1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

---

[1] Verbal ta' l-10 ta' Ottubru 2011.
[2] 12th January 2016.

“2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective” Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see *Salduz*, cited above, § 55).

“3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).

“....

“4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

“5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).

“6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.”

**8.** Wara din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tagħna għal darb’oħra kkunsidrat il-kwistjoni f’diversi okkażjonijiet[3]. F’**Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Mejju 2016, dik il-Qorti qalet:

**“17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta’ <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija**

[3] Ara, per eżempju: **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali**, 16 ta’ Mejju 2016; **Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Ġenerali**, 30 ta’ Mejju 2016; **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, 24 ta’ Ġunju 2016; **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, 11 ta’ Lulju 2016.

**interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**

**"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.**

**"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[4] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**

**"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**

**"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**9.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

[4] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

**10.** Fil-każ in eżami, l-appellata ġiet interrogata mill-Pulizija mingħajr ma ngħatat aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Hija b'hekk irrilaxxjat stqarrija mingħajr tali assistenza.

**11.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni lill-appellata ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**12.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta' akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[5]

**13.** F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-istqarrija ta' l-appellanti qed tiġi skartata.

**14.** Issa, l-ewwel Qorti sabet lill-appellanti ħatja bħala kompliċi skond l-artikolu 42(d) tal-Kodiċi Kriminali fir-reat kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 42(d) jipprovdi li persuna titqies kompliċi f'delitt jekk "għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat." L-artikolu 309 imbagħad jippunixxi "kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu".

**15.** Din il-Qorti eżaminat id-dokumentazzjoni esebita minn Romwald Attard f'isem il-Bank of Valletta. Huwa esebixxa *statement* tal-Current Account li fuqu kienu jinħarġu ċ-ċekkijiet għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sakemm ingħalaq fid-19 ta' Ottubru 2009, u l-*opening form*. Mill-*opening form* jirriżulta li l-kont kien infetaħ fis-7 ta' Marzu 2000, jiġifieri aktar minn seba' snin qabel ma nqalgħu l-problemi mas-soċjeta` Tim Travel rigwardanti xi ċekkijiet maħruġin fuq dan il-kont. Kif kien jiġi operat qabel l-1 ta' Jannar 2007 ma ngħatax informazzjoni iżda mill-i*statement* esebit jirriżulta li mill-1 ta' Jannar 2007 sal-11 ta' Settembru 2007 kien fih "0 balance" u fit-12 ta' Settembru sar l-ewwel depożitu. Il-kont beda jiġi operat konsistentement b'depożiti u *withdrawals* inklużi diversi pagamenti

[5] Ara **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1 ta' Diċembru 2016.

permezz ta' ċekkijiet. L-ewwel problema nqalgħet meta iċ-ċekk numru 59 (ara fol. 53) ġie ppreżentat fis-27 ta' Diċembru 2007 u ma ssarrafx għax ma kienx hemm fondi suffiċjenti. Fil-fatt din il-Qorti nnutat illi ċ-ċekk kien għal Lm2712.12 filwaqt illi fil-kont kien hemm Lm2089.78. Il-kont baqa' jiġi operat b'depożiti u *withdrawals* oħrajn u xi ċekkijiet li ssarrfu u oħrajn li ma setgħux, sakemm il-kont ingħalaq fid-19 ta' Ottubru 2009.

**16.** Issa, qabel ma beda jiġi operat il-kont f'Settembru 2007 m'hemmx dubju li l-appellanti kienet taf li kien fih "0 balance". Probabilment kienet taf ukoll li ma kienx hemm bizzejjed flus fil-kont biex jitħallsu l-biljetti akkwistati mingħand Tim Travel, tant li hi stess tgħid li kien hemm xi biljetti li kellhom jinħarġu sa ċertu zmien u Giovanni Conte pprometta li se jgħin biex jinħarġu xi biljetti billi jagħtihom il-flus meħtieġa. Tgħid li missierha u Joseph Azzopardi kienu ftehmu, inħarġu l-biljetti izda l-flus ma waslux. Il-kwistjoni hi jekk kinitx taf bil-ħruġ taċ-ċekkijiet minn missierha.

**17.** Jirriżulta li l-appellanti ma kellha l-ebda kariga fil-kumpanija HIX Ltd. Lanqas ma jirriżulta li kienet impjegata mal-kumpanija. Hija tistqarr li kull ma kienet tagħmel tgħin lil missierha, il-ko-imputat Henry Xuereb li miet fil-mori tal-kawża, u fil-fatt kienet tieħu ħsieb l-uffiċċju tal-Furjana. Waqt il-kontro-eżami kkonfermat li missierha kien talabha biex jibda jopera kont fuq isimha peress illi kellu xi mandati u ma setax jopera. Hija kienet iffirmat iċ-*cheque book* kollu u ħallietu għandu. Fil-fatt iċ-ċekkijiet kienu kollha jimtlew minn missierha. M'hemmx dubju li hija kienet taf li missierha kellu problema ta' likwidita` tant li, kif diġa` ġie aċċennat, Giovanni Conte, l-allura żewġha, kien ipprometta li kien se jgħin lil HIX billi jgħaddilhom il-flus li s-soċjeta` kellha bżonn għax-xiri ta' biljetti mingħand Tim Travel. Iżda l-flus ma waslux. Mistoqsija wkoll in kontro-eżami tikkonfermax li fil-mument li ħarġu dawk iċ-ċekkijiet, flus ma kellhiex, l-appellanti wieġbet: "Ehe imma dawn l-affarijiet sirt naf fuqhom għax Joseph Azzopardi darba minnhom kien heddidni bihom." Tgħid li kien ċemplilha rrabjat u qallha "isma' inti taf li dawk iċ-ċekkijiet kollha qegħdin f'ismek, uh, u jiena nista' mmur u ngħidilhom". Tgħid li hi mbelgħet u ċemplet lil missierha biex tgħidlu. U reġgħet saħqet illi għalkemm il-kont kien f'isimha unikament minħabba li missierha kellu sekwestru, hi ma kienet tagħmel xejn. Ma kinitx tħaddem il-kont hi. Joseph Azzopardi stess jikkonferma li n-negozju kien jagħmlu ma' Henry Xuereb u li kien dan Henry Xuereb li kien jimla u jgħaddilu ċ-ċekkijiet. Jiġifieri l-appellanti saret taf li nħarġu ċekkijiet li ma ssarrfux *ex post facto*. Huwa minnu li l-appellanti pprovdiet lil missierha l-meżżi li bihom seta' jasal biex iqarraq, iżda ma jirriżultax illi għamlet hekk għal tali skop. Difatti l-kont, kif indikat fil-paragrafu preċedenti, kien beda jintuża b'mod normali u ċ-ċekkijiet użati skond id-destinazjoni tagħhom.

Iċ-ċekkijiet li ma ssarrfux inħarġu minn Henry Xuereb unilateralment u ngħataw minnu lil Joseph Azzopardi mhux fil-presenza tagħha. L-appellanti targumenta li dan lanqas ma kien każ fejn il-konsenja u l-pagament saru kontemporanejament. Iżda mid-dokumenti a fol. 50 *et seq.* jirriżulta li żewġ ċekkijiet inħarġu fid-data ta' l-invoices rispettivi filwaqt li ċekk ieħor inħareġ biex jissostitwixxi ċekkijiet oħrajn li l-pagament tagħhom ġie *countermanded*. Ma jistax ma jiġix innutat ukoll, pero`, li anke wara li ma ssarrfux iċ-ċekkijiet in kwistjoni, Henry Xuereb baqa' jagħmel pagamenti lil Tim Travel. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-appellanti assistiet lil missierha "xjentement" fl-atti li jikkostitwixxu r-reat ta' frodi innominat.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja ta' l-imputazzjoni ta' frodi innominata elenkata fl-ewwel paragrafu tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali u in kwantu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin kif ukoll in kwantu b'applikazzjoni ta' l-artikolu 24 ta' l-istess Kapitolu 446 ordnat lill-istess Christina Xuereb tħallas lill-*parte civile* Joseph Azzopardi għan-nom ta' Tim Travel is-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u erbgħa u tmenin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€13,684.55) u minn dik l-imputazzjoni tilliberaha, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.